# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tat-Tnejn 21 t'Ottubru 2024**

**Talba nru. 361/2021**

**ASTRID PARNIS**
**(KI 497784M)**

*VERSUS*

**NEIL ATTARD**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fl-20 ta' Dicembru 2021 (Fol 1 et seq), l-attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont komplessiv ta' tlett elef tlieta u ghoxrin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (Eur 3,023.22) liema ammont jirraprezenta bilanc dovut fuq bejgh ta' vettura fl-ammont ta' Eur 2010.00 kif ukoll Eur 1,013.22 f'penalitajiet ta' kontravenzjonijet waqt li l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut. Bl-Imghax u bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-1 ta' Frar 2022 fejn gie eccepit illi l-intimat kien hallas l-ammont ta' Eur 2000.00 u mhux Eur 1340.00 kif allegat mill-attrici u li l-istess attrici hadet il-vettura b'mod abbuziv u li ghaldaqstant m'ghandu jhallas xejn.

Ra l-affidavits.

Sema x-xhieda.

Ra d-dokumenti prezentati.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi sabiex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli illi issir sintezi tal-provi pprezentata.

L-attrici xehdet perezz ta' affidavit fejn tghid illi hija kienet sid ta' vettura Nissan Juke GBP 453 u li hija bieghet din il-vettura lill-konvenut. Il-partijiet ftehmu fuq prezz ta' tmint elef Ewro. L-attrici tghid illi:

"*Il-pagamenti kellhom jitqassmu fuq medda ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar, b'kull pagament jkun pagabbli kull l-ewwel (1) tax-xahar. Biex naghmlu in-numri semplici konna ftehmna li jhallas tliet mija hamsa u tletin Ewro (335) fix-xahar, u l-ahhar pagament jkun ftit inqas biex nghaqddu it-tmint elef. Huwa kien anke talabna li ma jhallasx interessi fuq dan l-ammont. . .*"

L-attrici tghid illi kien anke intlahaq qbil sabiex il-logbook jibqa fuq isimha sakemm jithallas l-ammont kollu kif ukoll illi wahda mic-cwievet tinzamm minnha. Hija tghid (Fol.13), "*Sintendi l-intiza li nzommu kopja tac-cavetta, kien illi sabiex jekk ma jhallasx ahna nkunu nistghu nigbru l-karozza minn jeddna u nohduha lura. Nghid illi Neil qabel ma din il-proposta*."

Il-pagamenti ghal bidu ma bdewx isiru fil-hin u l-konvenut kellu jigi mfakkar sabiex ihallas l-pagamenti. Nel frattemp, l-attrici bdiet tircievi numru ta' kontravenzjonijiet u hija kienet tinforma lill-konvenut li min-naha tieghu kien jghidilha li ser jiehu hsieb. Il-konvenut rega waqa lura fil-hlasijiet u l-attrici u r-ragel taghha kien jfakkru lill-konvenut illi kellu jaghmel il-pagamenti. F'April 2021, l-attrici avzat lill-konvenut illi ma kienx ser jinghata iktar zmien sabiex jaghmel il-pagamenti dovuti u li jekk dawn ma jsirux, il-vettura kienet ser tittiehed lura. Fid-9 t'April 2021 l-attrici hadet il-vettura lura. L-attrici kellha thallas ic-citazzjonijiet kollha li kellha fuq isimha ghaz-zmien illi l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut.

L-attrici tghid illi "*qieghda nitlob illi nigbor il-pagamenti b'lura illi huwa suppost kellu jhallas sakemm il-vettura damet fil-pussess tieghu. Nghid illi kieku huwa kellu jikri vettura, certament illi kienet tiswih ferm iktar minn Eur 355 fix-xahar. Allura Neil gie qisu inqeda bil-vettura tieghi ghal ghaxar xhur shah kwazi b'xejn. Jien nixtieq illi tal-anqas nigbor il-bilanc tal-pagamenti illi huwa kien dovut ihallas sakemm damet il-vettura ghandu, u dan apparti li jhallas ukoll ghad-danni li kkawza lili bil-kontravenzjonijiet fuq il-vettura illi huwa inkorra sakemm din damet fil-pussess tieghu.*"

Fl-udjenza ta' l-20 ta' Frar 2023, xehdet Anita Grima, customer care mal-LESA li tat l-informazzjoni kollha fuq il-vettura GBP 453 bejn il-perjodu Gunju 2020 sa April 2021 u qalet illi l-kontravenzjonijiet kollha kienu mhallsin.

Gie pprezentat affidavit ta' Karl Parnis fejn qal illi meta huwa u l-mara tieghu u cioe l-attrici gew biex ibiegħu l-vettura Nissan Juke, huwa kien informa lill-attrici illi kuginuh u cioe l-konvenut kellu bzonn vettura. Ix-xhud ighid illi minkejja illi l-valur tal-vettura skond l-assikurazzjoni kien ta' Eur 10,750, huma kienu ftehmu b'turija ta' rispett lejn missier il-konvenut, fuq il-prezz ta' Eur 8000. Ix-xhud ighid ukoll illi l-konvenut kien qabel illi l-logbook jibqa fuq isem l-attrici u li din kellha

zzomm ukoll kopja tac-cavetta.  Minhabba illi l-konvenut naqas milli jhallas il-pagamenti kull xahar, ix-xhud ighid illi kien issuggerixxa lil kuginuh u cioe l-konvenut sabiex il-hlasijiet isiru permezz ta' direct debit izda l-konvenut irriffjuta.

Ix-xhud jghid illi f'April 2021 flimkien ma' l-attrici kienu iddecidew li jiehdu l-pussess tal-vettura. Mill-kilometragg tal-vettura, x-xhud jghid illi kien evidenti kemm il-konvenut ghamel uzu minn din il-vettura.  Wara illi ttiehed pussess tal-vettura, x-xhud ighid illi l-attrici talbet lill-konvenut sabiex ihallas l-ammonti li thallsu ghal kontravenzjonijiet u dak li kien dovut minnu bhala pagamenti fiz-zmien illi l-vettura kienet fil-pussess tieghu izda dan kien kollu ghal xejn.

Fid-seduta ta' l-4 t'April 2023 xehed il-konvenut li qal illi kien ftiehem ma' l-attrici li jixtri din il-vettura u jhallasha permezz ta' pagamenti ta' Eur 300 fix-xahar.  Il-konvenut ighid illi wara ftit jiem il-vettura kellha l-problemi u waqfitlu.  Ighid ukoll illi l-vettura damet madwar disgha xhur fil-pussess tieghu u li ma kien hemm l-ebda ftehim dwar l-ispare key biex tinzamm mill-attrici.  Il-konvenut jistqarr illi l-ghada illi kienet ittiehditlu l-vettura, huwa kien radd lura c-cavetta tal-vettura lill-Pulizija.  Fir-rapport intavolat mill-konvenut fl-Ghassa ta' Zabbar huwa jghid (Fol.74) , "*Jiena kont qbist xi pagamenti u Karl qalli li llejla ser jigi ghall-karozza quddiem id-dar t'ommi.  Jien ghidtlu li jekk trid il-karozza tini nofs somma li tajtek li jammontaw ghal elfejn Ewro*".

Fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2023 rega xehed il-konvenut fejn irrepeta dak li xehed fl-udjenza ta' l-4 t'April 2023. MIstoqsi jekk il-konvenut kellux xi rcevuti jew prova li kien hallas Eur 2000 lill-attirici, huwa wiegeb a fol.82, "*Ghaddew nahseb xi erba sinin issa*" u "*ghandi.. . . ghandi rapport . . ., hemm rapport l-ghassa li hu ammettiet li . .*"  Il-konvenut ighid illi mhux minnu li l-attrici kienet tavzah illi ser jiehdu l-vettura lura izda ftit wara (Fol.84) jghid illi kien mgharraf illi jekk jaqbez pagament iehor kienu ser jiehdulu l-vettura.

A fol.85, fil-konkluzjoni tax-xhieda tal-konvenut, waqt li dan it-Tribunal kien qed jivverbalizza a bazi tax-xhieda moghtija mill-istess konvenut, illi kellom jigu pprezentati sas-seduta li kien imiss, "*igib kull dokumentazzjoni biex. . .*"  il-konvenut kien pront ighid illi, "*M'ghandiex, m'ghandiex, m'ghandiex, ghax . . . . issa qed niftakar. M'ghandiex sorry. M'ghandiex, xejn*" u kompla, "*Nixhed li ma ghandiex, skuzana. Niskuza ruhi ghax issa qed niftakar li revolut. . .*"..  Wara dan it-Tribunal stess saqsa b'mod dirett lill-konvenut jekk kellux xi ircevuti jew dokumentazzjoni li juru li hallas dawn l-ammonti, huwa wiegeb "*Le ma ghandiex*".

<u>Ikkunsidra</u>

Illi t-talba attrici hija bbazata fuq pagamenti lli kellom jithallsu mill-konvenut ghal bejgh ta' vettura li l-attrici bieghet lill-konvenut, qabel din ittiehdet lura mill-istess attrici.  Mizjud ma' dan, l-attrici qed titlob ukoll hlasijiet illi hija kellha taghmel ghal kontravenzjonijiet li jkopru l-perjodu meta l-konvenut kellu pussess tal-vettura.

Illi l-konvenut laqa ghall-pretizi attrici billi qal illi hallas iktar milli qed tallega l-attrici u li l-vettura kellha hsarat fl-ammont ta' tmien mitt Ewro.

Illi l-ammont mitlub mill-attrici huwa maqsum fi tnejn - Eur 2010.00 ghal pagamenti li kellom jithallsu fil-perjodu li l-konvenut kellu pussess tal-vettura u Eur1,013.22 f'penalitajiet ta' kontravenzjonijet.

Illi fir-rigward tal-kontravenzjonijiet, il-konvenut fl-ebda mument ma kkontesta l-fatt illi kien qala numru ta' kontravenzjonijiet waqt li l-vettura kienet fil-pussess tieghu. Fuq il-hlasijiet, il-konvenut ighid illi jiftakar li hallas xi haga pero fl-beda hin ma gab prova x'hallas jew l-ammont li thallas. Kuntrarjament, l-attrici tghid li l-kontravenzjonijiet li hargu fuq isimha bhala sid tal-vettura thallsu kollha minnha. Sabiex tissostanzja l-argument taghha, l-attrici tellghet tixhed rapprezentanta ta' LESA li kkonfermat illi l-kontravenzjonijiet li jidhru fil-perjodu li l-vettura kienet fil-pussess tal-konvenut, kienu kollha mhallsin mill-attrici. Ghaldaqstant fuq l-ammont li jirraprezenta l-kontravenzjonijiet, dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda dubju li dawn thallsu mill-attrici u li huma dovuti mill-konvenut.

Illi fuq l-ammont dovut f'pagamenti, l-partijiet jaqblu illi l-konvneut kellu jhallas pagamenti ta' Eur 300 fix-xahar. L-attrici tghid illi l-ammont dovut huwa ta' Eur 2010 u dan stante illi l-konvenut kien hallas biss Eur 1,340 biss.

Fuq din il-parti tal-hlas, l-attrici ma pprezentat l-ebda ftehim fuq it-termini u kundizzjonijiet miftehma bejn il-partijiet. Izda l-konvenut jaqbel illi l-prezz totali maqbul kien ta' Eur 8000 b'pagamenti mensili ta' Eur 300. Il-konvenut ighid izda illi huwa kien hallas l-ammont ta' Eur 2000 u mhux kif allegat mill-attrici, Eur 1340.

Illi ghaldaqstant, fid-dawl ta' dawn iz-zewg ammonti differenti, t-Tribunal wiezen il-provi u l-veracita ta' dak mistqarr mill-partijiet. Illi dan it-Tribunal jemmen illi l-attrici m'ghandha l-ebda skop illi tbiddel mill-verita, partikolarment tenut kont illi hija staportiet ghal zmien twill lill-konvenut sabiex ihallas. Il-provi f'forma ta' chats bejn l-attrici, r-ragel taghha u l-konvenut juru car, illi l-konvenut kien ammetta illi kien moruz fil-pagamenti u li kien dejjem iwieghed li kien ser ihallas l-ammonti dovuti. Dan it-Tribunal ra wkoll prova f'dan ic-chats illi l-attrici u r-ragel taghha kienu sahansitra avzaw lill-konvenut illi kienu sejrin jiehdu pussess lura tal-vettura.

Ma' dan kollu, r-rapport li ghamel il-konvenut stess fl-ghassa ta' Zabbar, tkompli turi b'mod car illi l-konvenut ammetta li kellu jhallas pagamenti lill-attrici. Fil-fatt huwa ma kkontestax ma' l-attrici l-fatt illi ttiehditlu l-vettura izda xtaq jinnegozja l-ammonti li kien ghad kellu jhallas.

Finalment, dan it-Tribunal ma jistax ma jinnutax ukoll il-mod ta' kif xehed il-konvenut. Minbarra tentattivi kontinwi sabiex jevita li jwiegeb id-domandi, l-konvenut ghazel linja konfuzjonali fejn wara li qal illi kellu provi tal-hlasijiet li kien ghamel, meta mitlub jipproduci prova ta' dak li kien qed ighid huwa f'paniku jghid li ma kellux x jipproduci. Finalment, il-konvenut ighid illi ma kellu xejn x juri la li hallas Eur2000, la li hallas Eur 800 f'tiswijiet u lanqas li hallas xi kontravenzjonijiet.

Illi ghaldaqstant huwa car illi l-konvenut ftiehem illi jixtri din il-vettura ghal Eur8000 li kellhom jithallasu fuq medda ta' 24 xahar b'pagamenti ta' Eur 300 fix-xahar. Il-konvenut naqas milli jhallas il-pagamenti kollha fil-perjodu li kellu l-pussess tal-vettura filwaqt illi baqa jgawdi u jaghmel uzu mill-istess vettura. L-attrici m'ghandiex tigi penalizzata li ma tiehux il-hlas tal-perjodu li fih il-konvenut kien qed juza l-vettura attrici.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, dan it-Tribunal m'ghandux l-icken dubju li t-talba attrici ghandha tintlaqa a bazi tal-provi prodotti.

**Decide**

Għaldaqstant dan it-Tribunal qiegħed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ammont ta' tlett elef tleita u għoxrin Ewro u tnejn u għoxrin centezmu bl-imgħaxijiet ta' 8% li jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza u li jibqagħu hekk għaddejjin sal-ħlas effettiv u finali.  Spejjez ta' din il-kawza għandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur